# S. M. Maddalena de' Pazzi

## *Kontemplazzjoni fl-Ispirtu ta' Alla*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Bla dubju, l-Ispirtu s-Santu għandu post speċjali fil-qalb tal-Qaddisa bħala konsegwenza naturali tal-imħabba tagħha għall-Verb Umanat. Fil-fatt, f'waħda mill-meditazzjonijiet tagħha, tieqaf tirrifletti fuq il-kliem tal-Verb fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu meta jgħid: "Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'. Smajtu x'għedtilkom: Jiena sejjer u nerġa' niġi għandkom" (Ġw 14:27-28). Il-Verb jibqa' preżenti magħna permezz tal-Ispirtu li huwa jibgħat, Spirtu l-ewwel u qabel kollox ta' paċi. Fil-fatt, fl-immaġini tal-ħamiema li jibgħat Noè wara l-għarqa biex jara naqasx l-ilma minn fuq wiċċ l-art, wara li mbagħad din terġa' lura lejn l-arka b'werqa friska ta' żebbuġa fuq munqarha (Ġen 8:11), il-Qaddisa tilmaħ bħall-id ta' Alla li jibgħat l-Ispirtu tiegħu biex ifittex li jistrieħ fuq il-weraq taż-żebbuġ tal-umanità tagħna. Dawn il-frieghi, tgħidilna, huma l-qlub kollhom ħniena, manswetudni, verità, ġustizzja, u prudenza. Bil-qawwa tiegħu, l-Ispirtu ta' Alla, jiġifieri, Alla nnifsu verament preżenti fostna (anzi fina), jeħodna lura għal għand il-Missier bħala qaddisin preċiżament permezz ta' dawn l-istess 'frieghi' jew valuri umani fundamentali. Filwaqt li l-arka hija l-umanità tal-Verb li bħal iġorrna fih – San Pawl band'oħra juża l-espressjoni "fih aħna ngħixu, nitħarrku u aħna" (Atti 17:28) – l-Ispirtu jġibna lura mill-għarqa għal ġol-inxif ta' din l-arka biex fiH u fil-Knisja nagħmlu ħafna frott (2 *Rev*. 93-94), speċjalment il-paċi.

Immaġini oħra tal-Ispirtu ta' Alla li tispira lill-Qaddisa hija l-ħuġġieġa tal-għollieq taqbad mingħajr ma tikkonsma li nsibu fir-rakkont tal-laqgħa ta' Mosè ma' Alla fid-deżert (Eż 3:1-12). Għaliex kien importanti għaliha li l-Ispirtu jkun issimbolizzat fin-nar? Għaliex in-nar isaffi lill-Knisja mill-infedeltà, mill-biża', u min-nofs ħeġġa li "jabbundaw sew fil-Knisja," tgħidilna l-Qaddisa. Iżda n-nar jiddi wkoll lil dawk li huma msejħin mill-Verb biex ikunu "dawl tad-dinja" (2 *Rev*. 94). Fuq kollox, in-nar idewweb il-metall kif idewweb l-ebusija tal-qlub. "Filwaqt li jidħol fin-nar tal-pjaga ta' Ġesù Msallab, il-midneb jitrattab mill-ebusija tad-dnub, jindem minnu, biex minnu jista' jifforma bniedem ġdid" (2 *Coll*. 67). Fuq kollox, waħda mill-isbaħ karatteristiċi tan-nar huwa li jissimbolizza l-imħabba tħeġġeġ. L-Ispirtu ta' Alla mela huwa Nar Qaddis li jsaffi, iqaddes, iressaqna lejn il-Maħbub Divin, u b'hekk jagħmilna dawl jiddi b'umiltà, paċi, u ferħ.

X'jista' jfixkel il-ħidma tal-Ispirtu ġo fina? Tistaqsi l-Qaddisa: "Għidli, o Verb, minkejja li huwa tant ħelu u pjaċevoli, għaliex huma ftit dawk li jafu u jifhmu l-ħidma ħlejja tal-Ispirtu?" F'waħda mill-meditazzjoni partikolari tagħha, bħal tisma' lill-Verb iweġibha li ħafna huma dawk li għandhom qalbhom diġà tant mimlija li qajla għandhom spazju għal ħaddieħor. Oħrajn huma tant imwaħħlin mar-rieda tagħhom, mal-fehmiet tagħhom, u ma' kif jaraw huma l-ħajja, li meta dawn jersqu lejn Alla, iriduh jakkomoda ruħu għalihom skont kif jidhrilhom huma. Mill-ġdid, hemm oħrajn, imbagħad, li ma juru ħeġġa ta' xejn fir-relazzjoni tagħhom mal-Verb, bil-konsegwenza li meta eventwalment jibdew jibnu relazzjoni miegħu, aktar ikunu kburin bil-kisbiet tagħhom milli verament iħobbu lill-Verb Divin. "L-Ispirtu tiegħi," jgħid il-Verb lill-Qaddisa, "ma jistrieħx jekk mhux fi qlub miftuħa għalih, umli, u vojta minnhom infushom" (1 *Rev*. 61-62).

Din il-ħidma interjuri tal-Ispirtu ta' Alla fir-ruħ kienet importanti għall-Qaddisa speċjalment meta, p.eż., fl-1 ta' Novembru 1587, hija u tissielet kontra t-tentazzjoni li tħalli kollox u tmur

tgawdi r-rikkezzi tad-dinja – li, kif nafu, il-familja de' Pazzi kellha biex tbigħ –, terġa' ġġedded l-iva tagħha għall-"imħabba" u r-"rikkezza tal-faqar". Dakinhar tispjega li t-Tentatur kien iżurha mhux biss permezz ta' dawn il-ħsibijiet li tħalli l-monasteru u l-ħajja reliġjuża, imma wkoll bi ħsibijiet oħrajn li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru qaddisa. Imma meta l-għaqda ma' Alla tkun tassew soda, tkun kapaċi tħares lil hinn saħansitra minn kull ħsieb, qaddis kemm hu qaddis. Is-sigriet tal-Qaddisa kien li teżamina x'effett kienu jħallu f'qalbha dawn il-ħsibijiet u x-xewqat. "L-Ispirtu ta' Alla jdawwal il-moħħ, iħeġġeġ il-qalb, iferraħ u jikkwieta l-memorja, u jsaffi r-rieda," tgħidilna. Kull ħsieb li kien idaħħal lill-Qaddisa fid-dubju, jew li jbegħedha minn Alla u mill-impenn li ħadet fil-ħajja reliġjuża, jew li jimlielha qalbha b'affett żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja, jew li jitturbaha u jinkwitaha, kienet tinduna li dawn il-ħsibijiet mhumiex ġejjin minn Alla, u kienet tfittex li tgħixhom flimkien mal-Verb tagħha billi trodd is-sinjal tas-salib filwaqt li tgħid: "*Verbum caro, in nomine Jesu!* (Verb magħmul bniedem, fl-isem ta' Ġesù!)" (*Prob.* 119-120). Dan il-metodu tal-Qaddisa faċilment ifakkarna fid-dixxerniment tal-ispirti kif jipproponihulna Sant'Injazju ta' Loyola fl-*Eżerċizzi Spiritwali*, liema tradizzjoni nafu li influwenzat lill-Qaddisa direttament permezz tal-kuntatt tagħha mal-Majjistru Ġiżwita u l-mistiku Achille Gagliardi. F'waħda mill-aħħar sezzjonijiet tal-*Eżerċizzi*, fejn jagħtina tmien "regoli" għad-dixxerniment tal-ispirti, Sant'Injazju jikteb hekk: "Huwa proprju ta' Alla u tal-anġli tiegħu li jagħtu, flimkien mal-ispirazzjonijiet tagħhom, ferħ spiritwali li jneħħi kull diqa u kull aġitazzjoni li d-dimonju jnissel fina" (*Eżerċizzi*, 329). Dan il-prinċipju, kif rajna, il-qaddisa tagħmlu tagħha u tiżviluppah b'fiduċja fis-sabiħ u l-ferħ ta' Alla. Ovvjament, kemm Sant'Injazju kif ukoll il-Qaddisa tagħna jirrikorru għall-Ittra ta' San Pawl lill-Galatin fejn jindika li l-frott tal-Ispirtu s-Santu huma "l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, u r-rażan" (Gal 5:22-23).



Fl-aħħar nett, jolqotna l-kliem tal-Qaddisa meta titlob hekk: "O Verb [...] jekk inħarsu u naħsbu li inti l-istess verità u li ma tistax tigdeb, int li għedt li dakinhar tal-ġudizzju għandna nagħtu kont ta' kull ħażen il-fomm li lissinna, kemm noqogħdu attenti mhux biss għall-kliem iżda wkoll għal kull xewqa ta' qalbna, int li għedt bl-Ispirtu tiegħek: *Omni custodia custodi cor tuum* (Ħares lil qalbek bir-reqqa kollha) ... O kieku kemm nieħdu ħsieb biex nagħmlu mill-intenzjoni tagħna waħda retta" (35 *Coll.* 376). Parti integrali tal-azzjoni qaddisa tal-Ispirtu ta' Alla hija, mela, li jispirana għall-kontemplazzjoni li għalkemm fl-aħħar mill-aħħar għandha twassalna fi ħdan l-istess Trinità (43 *Coll.* 111), imma fil-bidu nett tagħha tagħmilna bnedmin attenti tagħna nfusna, tal-intenzjonijiet tagħna, tal-ħsibijiet tagħna, tal-memorji u r-rabta żejda ma' feriti tal-passat, tal-affett żejjed għall-ħwejjeġ li jgħaddu. Il-kontemplazzjoni, mgħixa għad-dell tal-Ispirtu ta' Alla, hija waħda li tankrana iżjed u iżjed fl-għarfien realistiku tagħna nfusna, u għalhekk tagħmel minna bil-mod il-mod mhux biss bnedmin dejjem iżjed umani iżda wkoll erwieħ mogħtijin għal Alla fil-kors tal-ħajja li mhux dejjem ikun ward u żahar, kif għexet l-istess esperjenza tagħha ta' Alla l-Qaddisa stess. Nitolbu lill-Ispirtu ta' Alla kif għamlet il-Qaddisa: "Int li taf aħjar minni l-qawwa interjuri tiegħi [...] *In te, Domine, speravi; non confundar in eternum* (Fik, Mulej, jien nistkenn: ma jkolli qatt għax ninfixel)" (44 *Coll.* 135).